



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/2136(DEC)

25.1.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2016, Taqsima III - Il-Kummissjoni u l-aġenziji
eżekuttivi
(2017/2136(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa sodisfatt bl-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-intestaturi baġtarji għall-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħha pubblika u s-sikurezza tal-ikel fl-2016;
2. Huwa sodisfatt bil-ħidma mwettqa mill-ħames aġenziji deċentralizzati li jaqgħu fl-oqsma ta' responsabilità tiegħu u li jwettqu kompeti tekniċi, xjentifiċi jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplimentaw politiki fil-qasam tal-ambjent, il-klima, is-saħħha pubblika u s-sikurezza tal-ikel, kif ukoll bil-mod kif ġew implementati l-baġits ta' dawk l-aġenziji;
3. Fir-rigward tar-rata globali ta' żball tat-taqSIMA "Żvilupp rurali, sajd, ambjent u klima", jinnota tnaqqis żgħir fir-rata ta' żball fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") għall-2016, b'4,9 % kontra 5,3 % fl-2015 u 6,2 % fl-2014; jilqa' l-isforzi li saru biex jitnaqqsu r-rati ta' żball iż-żda jinnota li hemm bżonn li ssir iktar ħidma; jinnota wkoll li 50 % tal-għaxar tranżazzjonijiet għall-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd, li ġew ikkampjunati, kien fihom żbalji;

Ambjent u Azzjoni Klimatika

4. Jenfasizza li l-baġit ta' DĠ ENV huwa implementat principally permezz ta' ġestjoni ċentralizzata direttu, u li fl-2016 l-approprazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ammontaw għal EUR 438,31 miljun u EUR 357,62 miljun rispettivament; jenfasizza li huwa sodisaċenti li r-rati ta' implementazzjoni tal-approprazzjonijiet tal-impenn laħqu t-98,95 % u dawk tal-approprazzjonijiet ta' pagament laħqu d-99,17 % fi tmiem is-sena;
5. Jinnota li f-2016, il-program LIFE pprovda EUR 315 miljun għall-kofinanzjament ta' 157 proġett ġdid fi 23 Stat Membru, li xprunaw investimenti addizzjonali ta' EUR 236 miljun;
6. Jisħaq fuq il-fatt li fl-2016 ġie stabbilit pjan ta' azzjoni wara l-kummenti tal-Qorti, sabiex jiġi żgurat titjib dwar id-dewmien fil-pagamenti skont il-program LIFE; jinnota li r-rata ta' morożità fil-ħlas tal-pagamenti għall-2016 laħqet it-3,9 %;
7. Jiddispjaċih li m'hemm l-ebda qafas ta' rappurtar speċifiku ġestit mill-Kummissjoni b'rabta mal-identifikazzjoni u l-kejl tal-implikazzjonijiet mhux mixtieqa tal-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw b'mod negattiv it-tibdil fil-klima, u b'rabta mal-kwantifikazzjoni tas-sehem ta' din in-nefqa fil-baġit totali tal-Unjoni;
8. Jinnota li l-awditi interni mwettqa fl-2016 indikaw li t-titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi umani fid-DĠ ENV seħħew għaliex dan id-DĠ ma kienx kapaċi li jimmonitorja u jqabbel b'effikaċja l-ammont ta' xogħol fi ħdan id-DĠ;
9. Jisħaq li l-awditi interni indikaw ukoll li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni waħda importanti ħafna relatata mas-sigurtà tal-IT (dwar il-ġestjoni tas-sigurtà tas-sistema tal-IT tal-UE ETS), li jesponi lid-DĠ għar-riskju ta' ksur tas-

sigurtà;

10. Jenfasizza li l-baġit ta' DĠ CLIMA hu prinċipalment implimentat permezz ta' ġestjoni ċentralizzata diretta, u li l-impenji u l-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2016 ammontaw għal EUR 118,1 miljun u għal EUR 59,25 miljun rispettivament; jenfasizza li filwaqt li r-rata ta' implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn kienet ta' 99,72 %, din kienet biss ta' 70,49 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, minħabba l-firma li saret biss fl-aħħar ta' Diċembru 2016 għal tliet operazzjonijiet ġodda skont l-strument finanzjarju ta' Finanzjament Privat għall-Enerġija Effiċjenti (PF4EE);

Is-Saħħa Pubblika

11. Jinnota li fl-2016 id-DĠ SANTE kien responabbli mill-implimentazzjoni ta' EUR 184,40 miljun għal linji baġitarji fil-qasam tas-saħħa pubblika, li minnhom 89,88 % ġew impenjati b'mod sodisfaċenti; jieħu nota li l-livell ta' implementazzjoni tal-pagamenti huwa ta' 89,86 %;
12. Jinnota li l-evalwazzjoni *ex-post* tat-tieni Programm tas-Saħħa, iż-żgħalli f'Lulju 2016, indikat li filwaqt li l-Programm ta riżultati pożittivi b'rabta ċara mal-prioritajiet tal-politika tas-saħħa tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kien għad hemm lok għal titjib rigward id-disseminazzjoni tal-outputs tal-azzjonijiet u s-sinerġiji ma' strumenti ta' finanzjament oħra tal-Unjoni bħall-fondi strutturali;

Sikurezza tal-ikel, saħħa u benesseri tal-annimali u saħħa tal-pjanti

13. Jinnota li fl-2016 id-DĠ SANTE kien responsabbli għall-implimentazzjoni ta' EUR 240,5 miljun li jikkorrispondu għal linji baġitarji fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti, li minnhom 98,37 % ġew impenjati b'mod sodisfaċenti; jieħu nota li l-livell ta' eżekuzzjoni tal-pagamenti huwa ta' 98,00 %;
14. Jinnota li l-Qorti ppubblikat Rapport Speċjali dwar l-awditu tal-prestazzjoni dwar il-programmi relatati mal-qedra tal-mard tal-annimali li jkɔpri l-perjodu 2009-2014, li jikkonkludi li l-approċċi li ħadet il-Kummissjoni kien tajjeb u rrikonoxxa xi suċċessi notevoli, pereżempju, it-tnaqqis fil-każijiet ta' enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) fl-ifrat, is-salmonella fil-pollam, u r-rabja fl-annimali selvaġġi;
15. Jinnota li l-Qorti ppubblikat Rapport Speċjali dwar kif hemm bżonn ta' iktar sforzi biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tan-Netwerk Natura 2000 inklużi rakkomandazzjoni jiet għal titjib bħal stima iktar ċara u kompluta tan-nefqa reali u l-finanzjament futur meħtieġ fil-livell tas-sit;
16. Jinnota li fl-2016 id-DĠ SANTE nieda l-ewwel prodott tal-inizjattiva "L-Istat tas-Saħħa fl-UE", ir-rapport konġunt tal-OECD u l-Kummissjoni "Health at a Glance: Europe 2016" (Ħarsa Ġenerali dwar is-Saħħa: Ewropa 2016), ħoloq 23 Netwerks Ewropej ta' Referenza dwar il-mard rari, stabbilixxa grupp ta' ħidma dwar ir-reżistenza antimikrobika u stabbilixxa pjattaforma ġidida tal-UE dwar it-telf u l-ħela tal-ikel;
17. Huwa tal-opinjoni, abbażi tad-data disponibbli u r-rapport ta' implementazzjoni, li l-kwittanza tista' tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-infıq fl-oqsma tal-politika ambjentali u klimatika, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel għas-sena

finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2018	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	40 7 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäättänenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Peter Liese, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jiří Maštálka	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

40	+
ALDE	Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jääteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries
GUE/NGL	Stefan Eck, Jiří Maštálka
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Renate Sommer, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Seb Dance, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

7	-
ECR	Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EFDD	Julia Reid

1	0
EFDD	Piernicola Pedicini

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni